MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2005

Talba Numru. 24/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Ghid int konvenut ghaliex ma ghandekx tigi dikjarat responsabbli ghall-incident illi gara fil-21 ta' April 2005 bejn il-vettura VJB 444 misjuqa mill-attur Victor John Borg, u proprjeta' tas-socjeta' attrici l-ohra fuq naha u l-vettura HAJ 915 proprjeta' tieghek u misjuqa minnek fuq in-naha l-ohra fi Triq Marsalforn, Xaghra: u konsegwentament tigi kkundanat thallas is-somma ta' erbgha mija u tnejn u erbghin lira Mltija u sittin centezmu (Lm442.60c) rapprezentanti d-danni sofferti mill-atturi per konsegwenza tal-istess incident.

Bl-ispejjez gudizzjarji tal-ittra interpellatorja tas-26 ta' Jannar 2005; u tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-prezentata ta' dan l-avviz kontra l-kumpannija assikuratrici tieghek; kontra tieghek u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ingunt."

Ra l-kapitoli pprezentati mis-socjeta' attrici fis-seduta tas-27 t'April 2005;

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemmija li fiha gew ipprezentati u approvati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallasha s-somma ta' LM442.60c danni konsegwenzjali ghall-incident awtomobilistiku ivi msemmi u li sehh fil-21.04.2005 bl-ispejjez inkluza l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment mal-avviz tat-talba - bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------